**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 02 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 1044/2016 AF**

**Maria Arrigo**

**u**

**Louis Joseph Sant Cassia**

**vs**

**Giovanna Attard**

**Alexander Attard**

**Paul Attard**

**Charlie Attard**

**Maria Concetta sive Connie El Farsi**

**Antonia Lia**

**Mary Rose Attard**

**L-Awtorità tal-Ippjanar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Maria Arrigo u Louis Joseph Sant Cassia, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti huma s-sidien ta' porzjon ta' art maghrufa bhala Ta' Bur Abdall, fi Triq l-Imdina, fiz-zona maghrufa bhala Ta' Zmetta, fis-Siggiewi.

L-intimata Giovanna Attard, flimkien mal-intimati l-ohra fil-kwalità taghhom ta' eredi ta' missierhom, jiddetjenu l-istess raba b'titolu ta' qbiela minghand ir-rikorrenti.

Permezz ta' applikazzjoni numru PA 1378/16, sottomessa mill-intimat Alexander Attard mal-Awtorità intimata, huwa talab permess sabiex "*to sanction poultry farm as built over PA 5329/03 & proposed manure clamp, reservior and cesspit which have already been approved*".

Originarjament l-applikant iddikjara illi huwa s-sid tal-art mertu tal-istess applikazzjoni.

Wara oggezzjoni imressqa mir-rikorrenti fl-istess applikazzjoni, l-intimat Alexander Attard biddel id-dikjarazzjoni tieghu billi ddikjara mal-istess Awtorità intimata illi huwa mhuwiex is-sid tal-art mertu tal-istess applikazzjoni, izda huwa ghandu l-kunsens tas-sid tal-art sabiex jaghmel tali applikazzjoni.

Skond l-Artikolu 71 tal-Kap. 552, u senjatament is-sub-artikolu (4):

> *(4) Min japplika ghal permess ghall-izvilupp ghandu jiccertifika lill-Awtorità.*
>
> *(i) Li huwa s-sid tal-art jew <u>li avza lis-sid bl-intenzjoni li japplika b'ittra registrata li l-Awtorità tkun irceviet kopja u li s-sid ikun ta' l-kunsens tieghu ghal dik il-proposta.</u>*

Ghaldaqstant, l-Awtorità intimata ghandha dikjarazzjoni mill-applikant illi huwa mhuwiex is-sid, izda illi avza lis-sid (ir-

rikorrenti) u li s-sid taw il-kunsens taghhom ghall-applikazzjoni.

Din id-dikjarazzjoni hija manifestament zbaljata, frawdolenti u mhux veritjera, stante li l-istess Awtorità ghandha oggezzjoni mill-istess sidien (ir-rikorrenti) kif ukoll protest gudizzjarju numru 342/16 pprezentat mill-istess rikorrenti fejn huma ghal darb'ohra irregistraw l-oggezzjoni taghhom, u liema dokumenti u atti jindikaw car illi s-sidien, (ir-rikorrenti) ma taw l-ebda kunsens kif dikjarat b'mod palezement falz mill-intimat applikant. Oltre dan l-intimati jiddepozitaw il-qbiela il-Qorti tramite cedola ta' depozitu li fiha, obvvjament, jirrikonoxxu lir-rikorrenti bhala s-sidien.

Minkejja dan, id-Direttorat tal-Ippjanar tal-Awtorità intimata injora dan u idderiga lir-rikorrenti illi jekk id-dikjarazzjoni tat-titolu maghmula mill-intimat Alexander Attard tirrizulta illi hija falza minn xi Qorti, allura dik il-Qorti ghandha l-jedd li tiddikjara il-premess null.

In vista ta' dan, l-istess Direttorat filwaqt illi rrakkomanda illi l-applikazzjoni tigi michuda ghal ragunijiet kompletament estranji ghall-ilment imressaq mir-rikorrenti, ghadda sabiex iffinalizza l-analizi tieghu tal-applikazzjoni u baghat l-applikazzjoni ghad-determinazzjoni quddiem il-Kummissjoni tal-Ippjanar.

Din l-applikazzjoni giet diskussa fis-seduta tat-3 ta' Awwissu 2016 fejn l-Awtorità iddikjarat illi kienet propensa illi tapprova l-applikazzjoni, u dan minkejja l-oggezzjoni tar-rikorrenti. L-Awtorità iddiferiet id-decizjoni taghha ghas-seduta tat-28 ta' Settembru 2016 fejn kienet ser tittiehed id-decizjoni finali fuq l-applikazzjoni.

Ir-rikorrenti talbu u ottjenew mandat ta' inibizzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex l-Awtorità intimata ma tkomplix bl-ipprocessar u d-determinazzjoni tal-applikazzjoni mertu tal-vertenza odjerna.

Dan l-istess Mandat gie kkonfermat b'mod definittiv permezz ta' decizjoni tas-27 ta' Ottubru 2016, stante illi l-istess

Onorabbli Qorti irrizultalha, fi stadu ta' prima facie, illi d-dikjarazzjoni tal-applikant hija manifestament inveritjiera, jekk mhux addirittura frawdolenti tal-intimat Attard.

Ir-rikorrenti minn dejjem kellhom u ghad ghandhom l-intenzjoni u l-interess illi jissalvagwardjaw il-proprjetà taghhom u jzommu lill-intimati jew minn minnhom milli jaghmlu zvilupp fuq tali proprjetà minghajr il-kunsens taghhom.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddeciedi u tiddikjara illi l-intimata Attard u l-intimati ahwa Attard, jew minn minnhom, huma legalment obbligati illi jitolbu u jottjenu l-kunsens tar-rikorrenti sabiex jintavolaw applikazzjoni ghall-izvilupp mal-Awtorità intimata fuq l-art proprjetà tar-rikorrenti.

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi stante li r-rikorrenti qatt ma taw l-kunsens taghhom lill-intimati, jew minn minnhom, sabiex issir l-applikazzjoni mal-Awtorità intimata, tali applikazzjoni hija nulla u bla effett stante li hija ibbazata fuq dikjarazzjoni illi hija manifestament zbaljata, qarrieqa u frawdolenti.

3. Tinibixxi lill-Awtorità intimata milli tikkunsidra l-istess applikazzjoni fil-mertu u tordna illi l-istess Awtorità intimata ghandha tiddikjara l-istess applikazzjoni bhala nulla u bla effett stante li hija ibbazata fuq dikajrazzjoni illi hija manifestament zbaljata, qarrieqa u frawdolenti u li ghaldaqstant tmur kontra dak provdut fl-artikolu 71 tal-Kap. 551, li fil-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2018, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fil-Kap. 551 u li ghandu jaqra 552, tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-protest gudizzjarju u tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorità tal-Ippjanar maħlufa minn Oliver Magro li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, l-improponibilità tal-azzjoni attrici in kwantu diretta fil-konfront tal-Awtorità tal-Ippjanar, stante li ma jezisti ebda provvediment tal-Ligi li jikkontempla l-intavolar ta' azzjoni gudizzjarja ta' din ix-xorta fil-konfront tal-Awtorità eccipjenti.

Id-decizjoni dwar jekk l-applikazzjoni tal-izvilupp mertu ta' din il-kawza kienitx jew le applikazzjoni li tirrikjedi l-kunsens tar-rikorrenti, hi decizjoni li ghadha "*sub-judice*" fis-sens li ghad trid tigi kunsidrata u deciza mill-Awtorità tal-Ippjanar, minn liema eventwali decizjoni hemm id-dritt ta' appell quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, u wara dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), li ghandhom il-gurisdizzjoni specjali konferita lilhom mill-ligi li jiehdu konjizzjoni tal-ilmenti epurati f'din il-kawza. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti hi skond il-ligi ezawtorata milli tiehu konjizzjoni tal-azzjoni odjerna.

Din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex is-setgha li twettaq dak mitlub mir-rikorrenti fit-tieni talba taghhom, u cioè li l-istess Qorti tiddeciedi, u hi stess tiddikjara, li l-applikazzjoni numru 1378/16 hi nulla, u li ghalhekk timmerita li tigi rifjutata, fuq il-bazi li l-istess applikazzjoni hi allegatament "*ibbazata fuq dikjarazzjoni zbaljata, qarrieqa u frawdolenti*" jew (ii) ghaliex l-istess applikazzjoni hi wahda li tirrikjedi l-kunsens tar-rikorrenti u dawn tal-ahhar "*qatt ma taw il-kunsens taghhom*". Id-determinazzjoni ta' applikazzjoni ghal permess tal-izvilupp, hija funzjoni fdata mill-Ligi lill-Awtorità tal-Ippjanar, u "*l-Qorti ma ghandha qatt tissostitwixxi b'taghha d-diskrezzjoni li hija bil-ligi mholliha f'idejn dik l-awtorità u wisq anqas tghaddi biex hija stess tiehu decizjoni li, bil-ligi, tkun tmiss lil dik l-awtorità moghnija bis-setgha mehtiega*".

It-tielet talba attrici hi legalment insostenibbli. Dak mitlub mill-atturi f'din it-talba taghhom *ossia* li l-Awtorità eccipjenti tigi *a priori* prekluza milli tqis u tiddetermina l-applikazzjoni tal-izvilupp mertu ta' dan il-kaz, irrispettivament mix-xorta ta' decizjoni li l-Qorti qed tintalab twaqqaf lill-Awtorità milli tiehu,

jfisser iz-zamma ta' Awtorità pubblika milli taqdi l-funzjonijiet taghha skond il-Ligi. Mhux qed jinghad li l-Awtorità eccipjenti, wara li tqis u tezamina l-proposta tal-izvilupp numru PA 1378/16 u l-ilment imressaq mill-atturi f'dan il-kaz, m'ghandhiex tasal ghad-decizjoni li taqbel mat-tezi tar-rikorrenti, izda l-Awtorità ma tistax tigi mwaqqfa milli twettaq il-funzjonijiet moghtija lilha skond il-Ligi u tigi a priori prekluza milli proprju tezamina u tiddeciedi dwar l-applikazzjoni ghall-izvilupp mertu ta' dan il-kaz, dan ghaliex "*t-twettiq minn awtorità pubblika tal-funzjonijiet taghha ma tistax titqies bhala jedd jew privilegg, imma dmir. It-twaqqif [...] milli l-Awtorità twettaq id-dmirijiet taghha jissarraf fi pregudizzju, ghaliex dak li l-ligi taghti lill-Awtorità intimata li twettaq ma jistax jitwettaq minn haddiehor*". Ghalhekk ukoll l-Awtorità ma hijiex ser tikkummenta jekk fil-mertu l-atturi ghandhomx ragun f'din it-talba taghhom ghaliex fl-eventwali decizjoni taghha, jekk l-Awtorità qatt tithalla tezercita l-funzjoni li ghandha skond il-ligi minn din l-Onorabbli Qorti, l-istess Awtorità tista' taqbel mat-tezi tar-rikorrent.

Permezz tal-proceduri tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1401/2016 AF istitwiti mir-rikorrenti nfushom, l-Awtorità tal-Ippjanar giet imwaqqfa "*milli tkompli tipprocessa talba numru 01378/16*" u ghalhekk l-istess Awtorità (i) giet prekluza milli b'xi mod jew iehor, tkompli tqis u tikkunsidra l-istess applikazzjoni u kull oggezzjoni/ilment mressaq mill-atturi fl-atti tal-istess applikazzjoni, (ii) u ghalhekk, giet prekluza wkoll milli twettaq dak li issa qed jintalab mill-atturi fit-tielet talba taghhom u cioè li "*tiddikjara l-istess applikazzjoni bhala nulla u bla effett*" kemm il-darba jirrizultalha li l-istess applikazzjoni "*tmur kontra dak provdut fl-artikolu 71 tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta*". L-atturi qeghdin issa jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lill-Awtorità twettaq precizament dak l-ezercizzju li precedentement, bil-mandat ta' inibizzjoni, huma talbu li jitwaqqaf. <u>Din hi kawza ghall-konferma tal-jedd pretiz mill-mandat</u>, u ghalhekk it-talbiet attrici huma kontradittorji ghax l-Awtorità ma tkun tista' taghmel xejn jekk l-azzjoni attrici tigi akkolta.

Għalhekk, għar-raġunijiet kollha mfissra f'din ir-risposta, t-talbiet kollha mressqa mill-atturi fir-rikors maħluf tagħhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi bil-liġi, u bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Giovanna Attard, Alexander Attard, Charlie Attard u Mary Rose Attard li permezz tagħha eċċepew illi:

Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet susseġwenti, jiġi eċċepit illi r-rikors promotur huwa irritu u null stante li t-talbiet kontenuti fih huma konfliġġenti u kontradittorji, fis-sens illi filwaqt li fit-tieni talba r-rikorrenti qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li l-applikazzjoni hija nulla u bla effett, fit-tielet talba tagħhom qegħdin jitolbu lil dina l-Qorti tinibixxi lill-Awtorità intimata milli tikkunsidra l-istess applikazzjoni fil-mertu [liema talba tippresupponi li l-applikazzjoni mhijiex nulla].

Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti u susseġwenti jiġi eċċepit illi r-rikors promotur huwa insostenibbli stante illi t-talbiet kontenuti fih huma konfliġġenti u kontradittorji fis-sens illi filwaqt li fit-tieni talba r-rikorrenti qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li l-applikazzjoni hija nulla u bla effett, fit-tielet talba tagħhom qegħdin jitolbu lil dina l-Qorti tinibixxi lill-Awtorità intimata milli tikkunsidra l-istess applikazzjoni fil-mertu [liema talba tippresupponi li l-applikazzjoni mhijiex nulla].

Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors promotur huwa irritu u null stante li t-talbiet hemm dedotti ma huma bbażati fuq l-ebda artikolu tal-liġi u huma legalment insostenibbli.

Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa ovvju li dawn il-proċeduri qegħdin jintużaw abbużivament mir-rikorrenti stante qed jittentaw juzaw l-awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti biex jistultifikaw proċeduri sani u legali meħuda mill-Awtorità tal-Ippjanar, u dan purament għall-finijiet

esklussivi taghhom.  Dan jirrizulta mill-fatt li fl-ebda stadju tal-*objection* minnhom mressqa, u cioè meta kien l-istadju opportun, ma qajjmu l-lanjanzi odjerni u issa qeghdin jistiednu l-Qorti sabiex tissindika l-andament tal-Awtorità mwaqqfa b'ligi u dan minghajr mar-rikorrenti ghandhom il-konfort tal-ligi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissenjalaw li fi kwalunkwe kaz huma mhumiex kontraenti la fil-protest gudizzjarju u wisq anqas fil-mandat ta' inibizzjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ghal dawn il-motivi, u ghar-ragunijiet l-ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talbiet fir-Rikors Guramentat promotur ghandhom jigu micuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Paul Attard u Maria Concetta sive Connie El Farsi li permezz tagħha eċċepew illi:

In linea preliminari, l-esponenti mhumiex il-leġittimi kontraditturi f'dawn il-proċeduri kif ser jiġi spjegat matul il-kors ta' din il-kawża stante il-fatt li hija ommhom Giovanna li għandha t-titolu ta' qbiela u kif qed jiġi muri f'waħda mill-Ittri Legali li hija kienet bgħatet lil konvenut Paul Attard, l-konvenuti u l-bqija ta' ħuthom qegħdin jużaw l-art "mera tolleranza" tagħha (referenza għat-tieni paragrafu tad-dokument hawn anness markat **AA 05**");

Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminary, fil-mertu l-intimati  Paul Attard u Maria Concetta sive Connie El Farsi f'din il-kawża jaqblu ma' dak li kitbu l-atturi fir-Rikors Ġuramentat f'paragrafu numerati 1, 3, 4, 6, 9, 10 u 12;

Ukoll, il-konvenuti Paul Attard u Maria Concetta sive Connie El Farsi jaqblu ma' dak sostnut mill-atturi f'paragrafu 14 mill-iskambjar ta' korrispondenza sa mis-sena 2004, dokument hawn anness u markat "**Dok AA 01**";

Ukoll, il-konvenuti Paul Attard u Connie El Farsi ma humiex edotti mill-fatti dikjarati mill-atturi f'paragrafi 3, 5, 7, 8 u 13 tar-Rikors Ġuramentat tagħhom;

Oltre dan kollu, l-konvenuti Paul Attard u Maria Concetta sive Connie El Farsi, jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li kienu huma li bagħtu oġġezzjoni lill-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar datata 8 ta' Mejju 2016, kopja tagħha hija hawn annessa u markata "**Dok AA 02**", bagħtu ittra legali lil ommhom Giovanna Attard bil-mankanzi u l-ilmenti tagħhom, kopja tal-imsemmija ittra legali hija hawn annessa u markata "**Dok AA 03**";

Peress li s-sitwazzjoni minn ħuhom Alex baqgħet tippeġġjora fil-konfront tagħhom, huma ippreżentaw fil-Qorti Ċivili (Prim'Awla) Protest Ġudizzjarju ippreżentat fl-1 ta` Ġunju 2016 fil-konfront ta' ħuhom Alex b'notifika ulterjuri lil ommhom bħala l-inkwilina, fotokopja tal-oriġinal hija hawn anness u markata "**Dok AA 04**" għal liema Protest u Ittra Legali hawn annessa markata "Dok AA 03" il-konvenuti rcivew Ittra Legali mingħand ommhom Giovanna u ħuhom Alex Attard hawn annessa u markata "**Dok AA 05**";

Oltre dawn il-fatti, l-konvenuti Paul Attard u oħtu Maria Concetta sive Connie El Farsi jixtiequ josservaw dak li ġie sostnut minn ommhom fl-ittra legali datata 22 ta' Lulju, 2016, fejn ommhom Giovanna Attard  sostniet li kull wieħed u waħda minn uliedha qegħdin jokkupaw l-art in kwistjoni b'mera tolleranza u ħadd minnhom ħlief hi ma għandu titolu fuq l-art;

Il-konvenuti Paul Attard u Maria Concetta sive Connie El Farsi jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti għal paragrafu 4 tal-Protest Ġudizzjarju ċitat fir-rigward tal-pożizzjoni legali tagħhom fil-konfront tas-sid;

Kemm il-Protest Ġudizzjarju u l-Ittri Legali lil ommhom, il-konvenuti għamlu dan għaliex huma persuni onesti li riedu li ma jkunx hemm lok għal ksur tal-liġijiet tal-pajjiż, irregolaritajiet li jagħtu lok li s-sidien jipproċedu kontra ommhom u/jew kontrihom, u nuqqas ta' ġustizzja bejn l-aħwa stante l-fatt li b'li kien qed jiġi ż-żewġ konvenuti Paul Attard u

Maria Concetta sive Connie El Farsi, ma setgħux jibqgħu igawdu l-art li ommhom, bil-kunsens tal-bqija ta' ħuthom, kienet allokatilhom;

Bħala fatti, l-konvenuti iridu jirrilevaw illi l-art kienet ingħatat bi qbiela lil missierhom fis-sena 1958 u sussegentament ftit tas-snin wara, bil-permess ta' sid l-art, missierhom għadda l-qbiela lill-ommhom kif għadu hekk sa llum;

L-art in kwistjoni kienet tikkonsisti f'biċċa art raba' tinħadem, biċċa art xagħri u binja fuq din l-art xagħri;

Il-konvenut Paul Attard jiftakar li fl-1964 missieru daħħal l-ilma u ftit taż-żmien wara jiftakru bil-permess tas-sid, illum mejjet, jirranġa l-binja li kien hemm biex japplika għal permess tal-ħalieb, liema permess kien ottjena u sussegwentament dam irabbi l-baqar sal-bidu tas-sena 1977 fejn wara dan iż-żmien missieru kien beda jbiegħ l-egħlejjel tar-raba' li hu flimkien mal-konvenut Paul Attard, kien ikabbar huwa stess fir-raba' flimkien ma' ħaxix ieħor li kien jixtri mill-pitkalija, għalkemm kien baqgħu irabbu l-annimali;

Kien fis-sena 1980 meta missier il-konvenuti waqaf mill-bejgħ tal-ħaxix u beda irabbi t-tiġieġ u jaħdem ir-raba' - ħaġa li baqa' jagħmel hekk sal-ġurnata tal-mewt tiegħu fl-1997;

Bejn missier il-konvenuti u sid ir-raba', il-konvenut Paul Attard dejjem jiftakar relazzjoni tajba;

Sa fejn jaf il-konvenut Paul Attard, fi żmien missierhom ma kienx hemm bżonn ta' permess għat-trobbija tat-tiġieġ imma wara l-mewt ta' missierhom il-konvenut Paul Attard kien ġieb il-liċenzja għat-trobbija tat-tiġieġ u ftit taż-żmien wara ħuħ Alex talbu li jagħtih parti minnha u l-konvenut Paul Attard tah nofsha mingħajr interessi;

Sa fejn jaf il-konvenut Paul Attard, il-problemi mas-sid bdew fl-2003 meta Alex għall-ewwel darba applika mal-Awtorità tal-Ippjanar u l-Ambjent (il-MEPA) sabiex jibni razzet għat-tiġieġ u minkejja l-oġġezzjoni tas-sid/sidien tal-art, jidher li Alex Attard

baqa' jwebbes rasu b'dak kollu u ma jidhirx li ta każ tal-oġġezzjonijiet tas-sid/sidien;

Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li huma ħadu kull prekawzjoni legali opportuna skont il-liġi sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbilità legali billi ħadu l-passi kemm fil-konfront ta' ħuhom Alexander Attard li applika għal tali żvilupp li wassal għal kwistjoni mertu tal-kawża odjerna, kif ukoll billi nnotifikaw lill-ommhom u billi avżaw l-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll billi huma ma humiex l-inkwilini, allura a tenur tal-artikolu 780 tal-Kap 12 tal-Liġiiet ta' Malta, huma ma humiex il-leġittimi kontradditturi u wisq anqas għandhom jeħlu l-ispejjeż tal-kawża odjerna

Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatti dikjarati l-konvenuti Paul Attard u Maria Concetta sive Connie El Farsi m'għandhomx jiġu assoġġettat għall-ispejjeż ta' din il-kawża u tal-proċeduri kollha li saru sa issa mill-atturi, inkluż tal-ispejjeż tal-Protest Ġudizzjarju u l-Mandat ta' Inibizzjoni mibgħut li l-atturi għamlu kontra l-Awtorità tal-Ippjanar;

Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mill-liġi.

Bl-ispejjez tal-prezunti risposta u tal-kawza intiera.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Antonia Lia li permezz tagħha eċċepiet illi:

Fl-ewwel lok l-esponenti tiddikjara li hi mhix edotta bil-fatti tal-kaz u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tiddikjara li l-kawza attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet kif ser isegwu.

Fit-tieni lok l-esponenti tiddikjara li t-talbiet attrici huma konfliggenti u kontradittorji.

L-esponenti tiddikjara li t-talbiet attrici huma konfliggenti u kontradittorji stante li fit-tieni (2) talba taghhom, l-atturi talbu lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li huma qatt ma taw il-kunsens taghhom lill-intimati jew min minnhom sabiex isir l-applikazzjoni mal-Awtorità u li ghalhekk tali applikazzjoni ghandha tigi dikjarata nulla u bla effett, mentri fit-tielet (3) talba taghhom, l-atturi talbu lil dina l-Onorabbli Qorti tinibixxi lill-Awtorità intimata milli tikkunsidra l-istess applikazzjoni fil-mertu, dan ghalhekk jippresuponi li l-applikazzjoni mhiex nulla u bla effett.

Fit-tielet lok dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex is-setgha li tiddeciedi dwar l-applikazzjoni numru 1378/2016 u m'ghandhiex is-setgha tiddikjara l-istess applikazzjoni bhala nulla u bla effett dan stante li t-talbiet attrici imressqa mill-atturi huma sindikabbli mill-Awtorità tal-Ippjanar u mhux minn dina l-Onorabbli Qorti u li ghalhekk l-atturi kellhom juzaw rimedji ohra kif tipprovdi l-ligi *ad hoc* billi joggezzjonaw bil-miktub kontro t-talba ghal xi zvilupp fiz-zmien lilhom moghti u wkoll ghandhom id-dritt li jappellaw quddiem il-Bord tal-Appell, ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kif indikati supra dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad t-talbiet attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawn tal-protest gudizzjarju, il-Mandat ta' Inibizzjoni u l-prezenti proceduri kontra l-istess r-rikorrenti.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti żżomm lill-Awtorità konvenuta milli tkompli tikkunsidra l-applikazzjoni ta' sanzjonar u żvilupp li għamel il-konvenut Alex Attard stante li l-proprjetà mertu ta' dik l-applikazzjoni tappartjeni lilhom.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti tal-każ huma dawn. L-atturi huma sidien ta' porzjon art magħrufa bħala 'Ta' Bur Abdall' ġewwa Triq l-Imdina, is-Siġġiewi. Din l-art hija mqabbla lill-konvenuta Giovanna Attard. Illum il-ġurnata l-art hija maħduma minn uliedha, konvenuti f'din il-kawża, li qasmu l-art bejniethom b'mod informali. Il-konvenut Alex Attard għamel applikazzjoni mal-Awtorità konvenuta *'to sanction poultry farm as built over PA 5329/03 and proposed manure clamp, reservoir and cesspit which have already been approved.'* Il-konvenut oriġinarjament iddikjara fl-applikazzjoni tiegħu li huwa sid l-art.

L-atturi ressqu oġġezzjoni mal-Awtorità konvenuta għall-ħruġ tal-permess permezz ta' *e-mail* datata 5 ta' Mejju 2016. Huma ressqu diversi lmenti iżda l-ebda waħda minnhom ma kienet fis-sens li bħala sidien l-art huma ma tawx il-kunsens tagħhom għas-sanzjonar u żvilupp.

Il-konvenuti Paul Attard u Connie El Farsi wkoll ressqu numru ta' oġġezzjonijiet għal dak propost minn ħuhom permezz ta' ittra lill-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar datata 8 ta' Mejju 2016. Waħda mill-oġġezzjonijiet tagħhom kienet illi l-applikant ma kienx is-sid tal-art li fuqha saret l-applikazzjoni.

Għaldaqstant, l-Awtorità talbet lill-konvenut jikkoreġi l-applikazzjoni tiegħu. Il-konvenut għamel applikazzjoni oħra u minflok iddikjara li huwa ma kienx sid l-art imma li kien bagħat ittra reġistrata lil sid l-art, kopja ta' liema ġiet annessa mal-applikazzjoni, u sid l-art kien ta l-kunsens tiegħu għall-iżvilupp.

Id-Direttorat tal-Ippjanar tal-Awtorità informa lill-atturi li f'każ li l-Qorti ssib li d-dikjarazzjoni tal-konvenut hija falza, dik il-Qorti għandha l-jedd tiddikjara kull eventwali permess null. L-istess Direttorat irrikomanda li l-applikazzjoni *de quo* tiġi miċħuda għal raġunijiet estranji għall-kwistjoni jekk is-sid tax il-kunsens tiegħu, u bagħat l-applikazzjoni għad-determinazzjoni quddiem il-Kummissjoni tal-Ippjanar tal-Awtorità.

Permezz ta' protest ġudizzjarju intavolat fid-19 ta' Settembru 2016, l-atturi appellaw lill-Awtorità intimata sabiex tiddeżisti

milli tirrikonoxxi l-applikazzjoni '*kontenenti dikjarazzjoni falza u qarrieqa u specifikament iżda mhux limitatament, milli jkomplu jipproċessaw jew jilqgħu it-talbiet magħmula fl-imsemmija applikazzjoni…*'. Dan għaliex huma jinsistu li ma taw l-ebda kunsens lill-konvenut sabiex jiġi sanzjonat l-iżvilupp eżistenti u jsir żvilupp ġdid kif propost minnu.

Nonostante, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet propensa li tapprova l-applikazzjoni. Permezz ta' digriet datat 27 ta' Ottubru 2016, din il-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni u ordnat lill-Awtorità konvenuta tieqaf milli tkompli tipproċessa l-applikazzjoni tal-konvenut.

Bħala prinċipju ta' dritt, l-artikolu 71(4) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kapitolu 552, jiddisponi hekk:

> *"Min japplika għal permess għall-iżvilupp għandu jiċċertifika lill-Awtorità:*
>
> *(i) li huwa s-sid tal-art jew li avża lis-sid bl-intenzjoni li japplika b'ittra reġistrata li l-Awtorità tkun irċeviet kopja u li s-sid ikun ta l-kunsens tiegħu għal dik il-proposta; jew*
>
> *(ii) li huwa awtorizzat li jagħmel dak ix-xogħol propost permezz ta' xi liġi oħra jew ftehim mas-sid."*

Il-konvenuti Attard ma jikkontestawx illi l-art *de quo* tappartjeni lill-atturi. Jirriżulta wkoll li l-konvenut Alex Attard qatt talab il-permess tal-atturi sabiex isir dak propost fl-applikazzjoni tiegħu. Isegwi ghalhekk illi l-ewwel talba hija misthoqqa u ghandha tigi milqugha.

Il-Qorti ser tibda billi tqis ix-xorta ta' azzjoni li għandha quddiemha llum. Mingħajr dubju, l-atturi qegħdin jattakkaw id-deċiżjoni tal-Awtorità konvenuta, preċiżament dik tat-Direttorat tal-Ippjanar u tal-Kummissjoni tal-Ippjanar, li ma kkunsidrawx, fl-ipproċessar tal-applikazzjoni in kwistjoni, li l-applikant għamel dikjarazzjoni falza fl-applikazzjoni tiegħu u li huma qatt ma taw il-kunsens tagħhom sabiex isir dak propost.

Bhala tali, l-azzjoni odjerna taqa' fil-parametri tal-artikolu 469A tal-Kodici ta' Organinazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), u partikolarment l-ewwel sub artikolu, li jagħti lill-Qrati ordinarji l-ġurisdizzjoni li jistħarrġu l-validità ta' xi għemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-għemil null, invalidu u mingħajr effett f'każijiet speċifiċi fosthom *'Meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż ta' setgħa ta' l-awtorita`* pubblika billi dan *isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.'*

Skont dan l-artikolu, egħmil amministrattiv tfisser *'il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita.'*

L-abbli difensur tal-atturi jargumenta li l-kawża tal-lum hija bbażata fuq il-kundizzjoni *'saving third party rights'* li l-Awtorità konvenuta tistipula f'kull permess illi tapprova. Madanakollu, sal-lum għadu ma ħareġ l-ebda permess u minħabba l-mod kif ġiet imfassla din l-azzjoni, il-Qorti hija tal-fehma li l-kawża tal-lum mhijiex ħlief tentattiv biex il-Qrati ordinarji jistħarrġu ġudizzjarjament l-azzjonijiet amministrattivi li ttieħdu mid-Direttorat u l-Kummissjoni tal-Awtorità konvenuta kif intqal.

Da parti tiegħu, l-abbli difensur tal-Awtorità konvenuta jgħid li l-kawża tal-lum ma saritx taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, għaliex l-Awtorità għadha ma ħaditx deċiżjoni finali dwar il-permess. Filwaqt illi huwa minnu li proċess li jwassal għal deċiżjoni dwar il-permess għadu ma ġiex fi tmiemu, dan ma jfissirx illi l-atturi ma jistgħux ikunu qegħdin jilmentaw minn xi deċiżjoni oħra li ttieħdet waqt l-ipproċessar kif inhu l-każ illum.

Stabbilit ix-xorta ta' azzjoni, imiss illi jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti. Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha, l-Awtorità konvenuta teċċepixxi li din il-Qorti hija eżawtorata milli tieħu konjizzjoni tal-kawża odjerna stante li d-deċiżjoni li dwarha qegħdin jilmentaw l-atturi hija waħda li għad trid tiġi deċiża finalment mill-Awtorità, minn liema deċiżjoni hemm appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni

tal-Ambjent u l-Ippjanar u wara dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Il-konvenuta Antonia Lia wkoll teċċepixxi li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni *de quo* stante li din hija sindikabbli mill-Awtorità konvenuta u mhux minn din il-Qorti u għalhekk l-atturi kellhom rimedji oħra li tipprovdi l-liġi sabiex jivvantaw il-pretensjonijiet tagħhom.

Għandu mill-ewwel jiġi rilevat li l-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji f'materja ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv tinsab cirkoskritta u limitata bil-provvedimenti tal-istess liġi, fosthom ir-raba' sub artikolu li jaqra hekk:

> "*Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.*"

L-artikolu 77(3) tal-Kap. 552 jagħti dritt ta' appell minn deċiżjoni tal-Kummissjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar lill-partijiet imsemmija fl-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap. 551), fosthom, terza persuna interessata li tkun issottomettiet rappreżentazzjonijiet bil-miktub skont l-artikolu 71(6) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

L-artikolu 11(3) tal-Kap. 551 jiddisponi li appell jista' jiġi preżentat fuq kwalunkwe raġuni inkluż li sar żball materjali dwar il-fatti, li kien hemm żball proċedurali materjali jew li sar żball ta' liġi. L-artikolu 31 jipprovdi li t-Tribunal għandu jkollu s-setgħa li jikkonferma, iħassar jew ibiddel id-deċiżjoni appellata u li jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa. Imbagħad, skont l-artikolu 50, appell minn deċiżjoni tat-Tribunal fuq punt ta' liġi biss jista' jsir quddiem il-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri.

In linea ta' prinċipju ġenerali, fil-każ fl-ismijiet Kunsill Lokali Birzebbuga vs Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Lulju 2004 intqal hekk:

*"L-artikolu 469A jipprovdi lic-cittadin mezz ta' kif jista' jattakka jew jimpunja atti maghmula mill-amministrazzjoni, u jipprovdi wkoll ir-ragunijiet li fuqhom tali azzjoni tkun tista' tigi bazata. Dak l-artikolu jipprovdi rimedju b'mod generali, izda is-subartikolu (4) jaghmilha cara li fejn ligi specjali tipprovdi rimedju adegwat, ir-rimedji kontemplati fl-artikolu 469A ghandhom jitqiesu mhux applikabbli, peress li hu mistenni li c-cittadin li jhoss ruhu aggravat ghandu jinqeda bir-rimedji specjali kontemplati fil-ligi ad hoc li tirregola dak l-att*.

...

*Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "<u>Borg vs L-Awtorita tal-Ippjanar</u>", deciza fit-8 ta' Mejju, 2003, l-eghmil tal-Awtorita' tal-Ippjanar mhux sindikabbli taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12, u dana peress li skond is-subartikolu (4) ta' l-istess artikolu, id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A m'ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi pprovdut dwaru f'xi ligi ohra (ara wkoll "<u>Attard vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar</u>", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' April, 2003). Dan hu l-punt li mieghu din il-Qorti taqbel f'din id-decizjoni."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Trimeg Limited vs L-Awtorita ta' L-Ippjanar tat-28 ta' Jannar 2004 qalet hekk dwar il-Bord tal-Appell tal-Ippjanar, li kien jaqdi l-istess funzjonijiet li jaqdi t-Tribunal illum:

*"Il-gurisdizzjoni ta' dan il-Bord kif vestit mil-ligi fil-paragrafu (6) tat-Tielet Skeda ta' l-Att imsemmi hi wahda ampja. "Dan ghaliex il-Bord ma nghatax biss is-setgha li jirrevoka jew jikkonferma d-decizjoni ta' l-Awtorità ta' l-Ippjanar, izda nghata wkoll il-gurisdizzjoni li jbiddel l-istess decizjoni, kif ukoll li jaghti dawk id-direttivi li jidhirlu xieraq" ("Gino Trapani Galea nomine –vs- L-Awtorità ta' l-Ippjanar et". Appell, 29 ta' Ottubru 1999)....*

*Tant hi wiesgha din il-gurisdizzjoni li sahansitra gie ritenut illi "fejn persuna tallega li l-Awtorità ta' l-Ippjanar kienet imxiet b' mod diskriminatorju, irrazzjonali u b' mod arbitrarju fil-konfront taghha, il-Bord mhux biss jista' jikkonsidra dawk l-allegazzjonijiet u jisma' l-provi dwarhom, talli ghandu d-dritt li jaghmel dan billi dawn jistghu jkunu konsiderazzjonijiet rilevanti li jaffettwaw il-meritu ta' l-appell." "**Michel Dingli –vs- Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;*

*Maggorment imbaghad ta' rilevanza ghall-punt in diskussjoni hi l-osservanza li l-appelli statutorji quddiem il-Bord minn decizjonijiet ta' l-Awtorita` jservu ta' "judicial review" ta' decizjonijiet amministrattivi, "intiz biex jipprovdi rimedju lic-cittadin minn decizjonijiet amministrattivi li jolqtuhom avversament" ("**Il-Perit Austin Attard Montaldo nomine -vs- Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar in rapprezentanza ta' l-istess**", Appell, 19 ta' Awissu 1996);*

*Huwa evidenti minn ezami ta' dawn id-decizjonijiet illi fejn il-ligi specjali tipprovdi rimedju xieraq u effikaci ta' "judicial review", allura l-istharrig ta' l-ghemil amministrattiv mill-Qorti ma jistax isehh."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti jirriżultalha li l-atturi għad għandhom rimedju ieħor xieraq u effikaċi sabiex jindirizzaw l-ilmenti tagħhom, stante li huma persuni interessati reġistrati skont l-artikolu 71(6) tal-Kap. 552. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, it-Tribunal għandu ġurisdizzjoni li jieħu debita konjizzjoni tal-ilmenti tal-atturi jekk u meta joħroġ il-permess li applika għalih il-konvenut.

L-atturi ma jistgħux jippretendu li jwaqqfu l-ipproċessar tal-applikazzjoni u minflok jintavolaw azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju meta għandhom għad-disposizzjoni tagħhom rimedju fil-liġi sabiex jikkontestaw id-deċiżjoni li qegħdin jilmentaw minnha. Huwa veru li l-atturi ma jistgħux jappellaw qabel ma l-Awtorità tkompli tipproċessa l-applikazzjoni tal-konvenut u tagħti d-deċiżjoni tagħha, imma dan ma jnaqqas xejn mir-rimedju adegwat li għandhom skont il-liġi.

Il-fatt li l-permessi tal-Awtorità jiġu approvati '*saving third party rights*' ma jfissirx illi kullhadd jista' jipproċedi quddiem il-Qrati ordinarji sabiex iżomm lill-Awtorità milli tkompli bl-ipproċessar ta' applikazzjoni. Ċertament mhux meta hemm rimedju adegwat fil-liġi sabiex persuni interessati reġistrati jappellaw mid-deċiżjoni finali li tieħu l-Awtorità.

Darba li din il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni sollevata, mhux meħtieġ li jiġu mistħarġa wkoll l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħra tal-konvenuti.

Qabel ma tagħlaq din is-sentenza, din il-Qorti ser tieħu l-opportunita' biex tirrikmanda lill-Awtorità konvenuta sabiex tikkonsidra jekk il-Kummissjoni tal-Ippjanar għandhiex tirrivedi d-deċizjoni tagħha li toħroġ il-permess in kwistjoni, fid-dawl tar-riżultanzi ta' dawn il-proċeduri u ċioè n-nuqqas ta' kunsens tal-atturi *qua* sidien għal dak propost fl-applikazzjoni in kwistjoni.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel talba attrici, takkolji t-tieni eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta Antonia Lia u b'hekk tiddikjara ruħha inkompetenti li tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talbiet attrici.

In vista tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mill-atturi u nofs mill-konvenut Alex Attard.

IMHALLEF

DEP/REG